**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 165 / 13RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**L-Avukat Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Alison Wadge illi permezz ta' digriet datat 14 ta' Novembru 2013 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti C B, permezz tad-digriet datat 28 ta' Ottubru 2015 il-kuraturi deputati gew estromessi mill-atti u permezz ta' nota datata 12 ta' Jannar 2016 C B assumma l-atti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-20 ta' Awwissu 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf, disgha mija u hamsa u disghin (1995), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru erba mija u disgha u disghin tas-sena elf, disgha mija u hamsa u disghin (499/1995);

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt ulied, u cioe' D Demanue1e, li twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) jum ta' Ottubru tas-sena elf,

disgha mija u disgha u disghin (1999) u E Dernanuele, li twieldet fit-tielet (3) jum ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006);

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment u m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi, sevizzi, abbandun, theddid, ngurji gravi u vjolenza psikologika fil-konfront ta' martu l-attrici, kif ukoll minhabba nkompatibilita ta' karattru, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni taI-FamiIja) b'digriet li jgib in-numru 1413/2013 datat id-9 ta' Lulju 2013, tat l-awtorizzazzjoni taghha sabiex jigu ntavolati proceduri ghal separazzjoni personali;

5. Illi t-tentattivi ta' rikonciljazzjoni ma tawx frott stante li l-konvenut rrenda l-hajja konjugali mpossibbli;

6. Illi minkejja li saru tentattivi sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja, nkluz permezz tal-medjazzjoni, dawn ma tawx frott lanqas;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex in vista tal-premess, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' aduiterju, eccessi, sevizzi, abbandun. theddid, ngurji gravi u vjolenza psikologika fil-konfront ta' martu l-attrici, kif ukoll minhabba nkompatibilta ta' karattru, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma’ zewgha l-konvenut;

2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja ta' wliedha minuri, senjatament D u E ahwa B b'access favur il-konvenut fil-granet u l-hinijiet li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa u opportuni din l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna li l-attrici tkompli tghix u tabita fid-dar matrimonjali u cioe 9, "Tar-Rokna", Triq it-Turretta, Santa Venera, flimkien ma' uliedha minuri, ad eskluzjoni ta' zewggha l-konvenut;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu ghaliha u ghall-ulied minuri, retta alimentari xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u ta' wliedha minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn

din l-Onorabbli Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun adegwata u dan skond dawk il-modaiitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f'dak il-proporzjon u b'dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu a tenur tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, skont ir-rizultanzi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati L-Avukat Dr Cedrid Mifsud u l-PL Alison Wadge bhala kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti C B tal-9 a’ Jannar 2014 li taqra kif gej:-

Illi l-kuraturi deputati m'humiex f'posizzjoni li jikkuntatjaw lill-intimat C Demanuale stante li r-rikorrenti ma pprovdiet l-ebda informazzjoni fuq fejn jista jkun ikkuntattjat barra minn Malta. L-unika informazzjoni li ghandhom il-Kuraturi Deputati huwa dak iddikjarat fir-rikors ghal hatra ta' kuraturi li fih r-rikorrenti tiddikjara li minn informazzjoni li ghandha l-intimat jinsab fi Praga. Minghajr ebda informazzjoni ohra l-kuraturi ma jistghux jaghmlu l-kuntatt necessarju u ghalhekk m'humiex edotti bil-fatti tal-kaz de quo;

Illi f'kaz illi jsir kuntatt bejn l-intimat u l-kuraturi huma jinfurmaw minnufih lil dina l-Onorabbli Qorti u jekk ikun il-kaz isir talba sabiex tigi prezentata risposta ulterjuri.

Rat li b’digriet tal-20 ta’ Frar 2014 il-Qorti innominat bhala assistant gudizzjarju lil Dr Kenneth Gulia sabiex jisma’ x-xhieda tal-partijiet.

Rat li l-assistant gudizzjarju zamm diversi seduti li ghalihom attendi wkoll l-assenti konvenut.

Rat li fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2015 Dr Leonard Caruana ghan-nom tal-attrici talab illi tenut kont tal-fatt li l-konvenut kien qed jattendi personalment ghas-seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju, l-istess konvenut ghandu jassumi f’ismu l-atti ghaliex kien evidenti li l-konvenut qed jirrisjedi ordinarjament f’Malta.

Il-Qorti laqghet it-talba, irrevokat il-hatra ta' kuraturi deputati ghall-assenti u ordnat li l-konvenut C B jassumi l-atti f'ismu. Fl-istess seduta l-attrici impenjat ruhha illi tinnofika lil C Demanuel b'kopja tar-rikors guramentat, tar-rikors taghha tal-25 ta' Awissu 2015 u tan-nota taghha tas-27 ta' Ottubru 2015.

Ir-rikors guramentat gie notifikat f'idejn certu Christine Borg deskritta bhala project coordinator gewwa l-fond 'Mid-Dlam ghad-Dawl" gewwa Bormla fl-24 ta' Novembru 2015. Il-konvenut ipprezenta risposta guramentata fil-11 ta' Dicembru 2015.

Bejn id-data tan-notifika u d-data tal-prezentata tar-risposta guramentata imsemmija kien hemm seduta quddiem il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 2015. F'dik l-udjenza l-Avukat tal-attrici issottometta illi tenut kont li l-konvenut kif issa notifikat ma pprezentax risposta guramentata sas-seduta, isegwi illi ai termini tal-Artikolu 158 (13) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi meqjuz kontumaci u konsegwentement ir-risposta guramentata tieghu sfilzata.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 158 sub-inciz 13 tal-Kap. 12** jipprovdi illi

"(13) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewwel darba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja tagħhom lill-attur billi jagħti kopja lilu jew lill-avukat tiegħu f'dik l-istess seduta."

Huwa evidenti illi dan is-sub inciz qed jirreferi ghal dak hekk imsejjah 'prim appuntament' tal-kawza fejn kawza ghal ragunijiet ta' urgenza tigi appuntata f'terminu qasir hafna li jkun anqas mill-ghoxrien jum moghti ghall-prezentata ta' risposta guramentata. Fil-fehma tal-Qorti il-kliem ta' dan is-sub inciz "mhux aktar tard mill-hin li fih il-kawza tkun se tinstema l-ewwel dabra" huwa car u ma jatiex lok ghall-interpretazzjoni ohra.

Fil-kaz odjern in-notifika saret wara li l-kawza kienet ilha pendenti ghal aktar minn sentejn u nzammu numru notevoli ta' seduti quddiem l-assitent gudizzjarju ghall-gbir tal-provi. Certament illi l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2015 ma kienx il-jum li fih il-kawza ser tinstema "l-ewwel darba" u ghalhekk is-sub inciz 13 tal-Artikolu 158 tal-Kap 12 ma hux applikabbli.

Irid jinghad ukoll illi meta l-kuraturi deputatiipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom ghan-nom tal-konvenut dak iz-zmien assenti, din kienet giet ipprezentata fir-terminu legali u ghalhekk ukoll ma jistax jinghad li l-konvenut hu kontumaci.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad it-talba tal-attrici sabiex il-konvenut jigi dikjarat kontumaci.

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jibqghu rizervati ghas-sentenza finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**